PROPOSTA GĦALL-VĠILI TA' PENTECOSTE 2020

## ALLA JIMXI MAGĦNA
## BL-ISPIRTU TIEGĦU

Post: Il-Katidral ta' San Pawl l-Imdina

Tul: 60 minuta

- Ħdejn l-ambone, gandlier għall-Blandun u tarġa biex jitla' d-Djaknu fuqha biex iqiegħed il-Blandun.
- L-artal maġġur ikun armat bis-seba' xemgħat.
- Quddiemu, ġinokkjatur għall-Arċisqof iħares lejn il-korsija.
- Ix-xemgħat tal-altar mejda jkunu mitfija.
- 2 Siġġijiet għad-Djakni.
- Siġġu għaċ-Ċerimonier.
- 5 Siġġijiet għall-Qarrejja.
- Urna quddiem l-altar mejda bil-faħam jaqbad fiha u ħdejha, fuq xi ħaġa għolja, reċipjent bl-inċens u magħrfa.

L-Arċisqof bil-kappa ta' kulur aħmar.

2 Djakni bid-dalmatiċi ta' kulur aħmar.

Qarrejja:

1. Tabib/a bl-ilbies proprju
2. Infermier/a bl-uniformi
3. Pulizija bl-uniformi
4. Politiku mill-Gvern
5. Żagħżugħ
6. Żagħżuha

- L-Arċisqof jippresiedi mit-tron.
- Id-Djakni joqgħodu wieħed taħt it-tarġiet tat-tron, u l-ieħor taħt it-tarġiet tal-Ambone, jħarsu lejn xulxin.
- Il-Qarrejja joqgħodu fejn is-soltu jkun hemm is-siġġijiet tal-konċelebranti, tlieta kull naħa tal-Ambone u tnejn in-naħa tat-tron.

Il-Qari tal-Kelma ta' Alla jsir kollu mill-Ambone.

Ir-responsorji tas-Salmi jitkantaw.

Innu: *Veni Creator Spiritus*

L-Arċisqof, liebes il-mitra u bil-baklu f'idu, mad-Djakni u l-Qarrejja, (minbarra min se jaqra l-ewwel qari), bid-distanza meħtieġa bejniethom, joħroġ mis-Sagristija u jimxi proċessjonalment waqt il-kant tal-*Veni Creator Spiritus* lejn il-Kappella tar-Relikwi.

Fil-Kappella:
Il-Blandun mixgħul fi trepid f'nofs il-Kappella.
Xemgħa għall-Arċisqof.
Siġġu għall-Arċisqof u għaċ-Ċermonier.
Barra mill-Kappella, siġġijiet għad-Djakni u għall-erbgħa Qarrejja, iħarsu lejn il-Kappella tar-Relikwi.

Kulħadd bilwieqfa

L-Arċisqof ineħħi l-mitra u l-baklu u jgħid:
Fl-Isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu.

Isellem bħas-soltu:
Il-paċi magħkom.

℟. U miegħek ukoll.

Imbagħad jgħid:
Ħuti għeżież, ħamsin jum ilu,
wara li fakkarna il-Passjoni u l-Mewt ta' Sidna Ġesù Kristu,
iċċelebrajna bil-ferħ il-Qawmien tiegħu mill-imwiet.
Minkejja d-dlamijiet ta' qtugħ il-qalb,
fraħna għax nemmnu li Kristu hu rebbieħ.
Minkejja t-tiġrib li jagħafas fuqna,
Nemmu li l-imħabba u l-ħniena tiegħu huma
aqwa minn kull saram u tbatija, minn kull dnub u fuq il-mewt.

Illum inġbarna biex nistennew flimkien li sseħħ il-wegħda tiegħu:
"Jiena nitlob lill-Missier,
u hu jagħtikom Difensur ieħor biex jibqa' magħkom għal dejjem,
l-Ispirtu tal-verità, li d-dinja ma tistax tirċevih,
għax hija la tarah u lanqas tagħrfu.
Iżda intom tagħrfuh, għaliex jgħammar magħkom,
u huwa fikom." (ara Ġw 14, 16-17)

Kulħadd bilqiegħda.

QARI I — Ġen 3, 9-15

*Il-waqgħa tal-bniedem*

Wara li Adam u Eva kielu mis-siġra:
semgħu ħoss il-Mulej Alla jitlajja fil-ġnien għaż-żiffa tal-jum,
u nħbew Adam u martu
minn wiċċ il-Mulej Alla qalb is-siġar tal-ġnien.
U l-Mulej Alla sejjaħ lil Adam u staqsieh:
"Fejn int?"
U dak wieġeb:
"Smajt ħossok fil-ġnien u bżajt għax jien għeri, u nħbejt."
U staqsieh:
"Min qallek li int għeri?
Jaqaw kilt mis-siġra li jien ordnajtlek li ma tikolx minnha?"
U wieġeb Adam:
"Il-mara li inti tajtni għal miegħi,
hi tatni mis-siġra, u jiena kilt."
U l-Mulej Alla qal lill-mara:
"X'inhu dan li għamilt?"
U l-mara wieġbet:
"Is-serp qarraq bija, u jiena kilt."
U l-Mulej Alla qal lis-serp:
"Talli għamilt dan, misħut int
fost il-bhejjem kollha
u fost l-annimali selvaġġi.
Għal żaqqek titkaxkar,
u t-trab tal-art tiekol
il-jiem kollha ta' ħajtek.

U jien inqajjem mibegħda
bejnek u bejn il-mara,
bejn nislek u nisilha,
u hu jisħaqlek rasek
u int tisħaqlu għarqubu."

Il-Kelma tal-Mulej.

℟. Irroddu ħajr lil Alla.

## SALM RESPONSORJALI — Salm 50, 7-8; 9-10; 11-12; 13-14

℟. (12) Oħloq fija qalb safja, o Alla, u spirtu qawwi ġedded fija.

Ara, jiena ssawwart fil-ħtija,
u fid-dnub nisslitni ommi.
Int li tħobb il-qalb sinċiera,
għallimni l-għerf fil-fond ta' qalbi. ℟.

Roxxni bl-ilma, u nissaffa;
aħsilni, u aktar mis-silġ nibjad.
Agħmel li nisma' l-ferħ u l-hena,
biex għadmi, li int sħaqt, jithenna. ℟.

Dawwar wiċċek minn ħtijieti;
ħassar ħżuniti kollha.
Oħloq fija qalb safja, o Alla,
u spirtu qawwi ġedded fija. ℟.

La twarrabnix minn quddiemek;
tneħħix minni l-ispirtu qaddis tiegħek.
Roddli l-hena tas-salvazzjoni tiegħek,
u bi spirtu qalbieni wettaqni. ℟.

Kulħadd bilwieqfa.

L-Arċisqof, ineħħi l-mitra u, bilwieqfa u b'idejh miftuħa, jgħid din it-talba:

Missierna li inti fis-smewwiet,
aħna qaddejja umli tiegħek,
li nagħrfu li aħna dgħajfin, bla saħħa, bla rieda sħiħa;
nitolbuk, imliena bit-tama li tiġi mill-Ispirtu s-Santu.
Itfa' fuqna d-dawl tiegħek;
biex nagħrfu x'inhu t-tajjeb li ħejjejt għalina inti,
u agħtina l-qawwa tal-Ispirtu tiegħek biex nagħrfuh u nwettquh
Kun magħna u għinna
ħalli nimxu fid-dawl tiegħek,
ngħixu b'fiduċja sħiħa fik
u ma nonqsu qatt mill-fiduċja tagħna fik
u fil-wegħdiet tiegħek.
Bi Kristu Sidna.

℟. Ammen.

L-Arċisqof jilbes il-mitra u jixgħel ix-xemgħa mill-Blandun.

Jerġa' jitkanta l-*Veni Creator Spiritus* jew innu ieħor adatt.

Id-Djaknu jieħu l-Blandun u jimxi fuq quddiem, warajh l-Arċisqof mad-Djaknu l-ieħor u warajhom jimxu l-Qarrejja, minn taħt in-navi għall-Korsija, lejn il-Presbiterju fejn kulħadd jieħu postu.

Id-Djaknu jqiegħed il-Blandun fit-trepid ħdejn l-ambone.

X'ħin jasal fit-tron, l-Arċisqof, jagħti x-xemgħa lid-Djaknu li biha jixgħel ix-xemgħat tal-altar.

Il-Qarrej imur quddiem l-urna, f'nofs l-artal, jieħu l-inċens bl-imgħarfa u jitfgħu fuq il-faħam jaqbad.

L-Arċisqof ineħħi l-mitra u, b'idejh miftuħa, jgħid il-Kolletta.

Nitolbu.
O Alla ta' dejjem li tista' kollox,
inti tridna niċċelebraw il-misteru kollu tal-Għid
bħala festa waħda kbira matul iż-żmien qaddis ta' ħamsin jum;
agħmel li l-ġnus imxerrda,
kull wieħed bi lsien għalih,
bil-grazzja tiegħek ikunu ġemgħa bejniethom
fl-istqarrija waħda ta' Ismek.
B'Ibnek Ġesù Kristu Sidna, li hu Alla,
u li miegħek jgħix u jsaltan
flimkien mal-Ispirtu s-Santu,
għal dejjem ta' dejjem.

℟. Ammen.

L-Arċisqof joqgħod bilqiegħda u jilbes il-mitra.

Kulħadd joqgħod bilqiegħda.

QARI I Ġen 11, 1-9

*Issejħet Babel, għax hemmhekk il-Mulej ħawwad ilsien l-art kollha.*

**Qari mill-Ktieb tal-Ġenesi**

L-art kollha kienet ilsien wieħed u kliem wieħed.
Meta l-bnedmin telqu mil-Lvant
sabu wita f'art Singħar u baqgħu hemm.
U qalu wieħed lill-ieħor:
"Ejjew nagħmlu l-madum u naħmuh sewwa!".
U l-madum kienu jużawh flok il-ġebel,
u l-qatran flok it-tajn.
U reġgħu qalu:
"Ejjew nibnu belt għalina,
u torri, bil-quċċata tiegħu tilħaq is-smewwiet,
u nagħmlu isem għalina,
ħalli ma nixterdux mal-wiċċ kollu tal-art".

U l-Mulej niżel jara l-belt u t-torri
li kienu qegħdin jibnu l-bnedmin.
U l-Mulej qal:
"Arahom, poplu wieħed u lsien wieħed għalihom ilkoll.
U dan għadu l-bidu ta' xogħolhom;
issa kulma jiġihom f'rashom xejn ma jaqtgħalhom qalbhom!
Ejja, ħa ninżlu u nħabblulhom ilsienhom,
ħalli ma jifhmux ilsien xulxin".
U l-Mulej xerridhom minn hemm
għal fuq wiċċ l-art kollha,

u waqfu mill-bini tal-belt.
Għalhekk bdew isejħulha Babel,
għax hemm ħawwad il-Mulej ilsien l-art,
u minn hemm xerridhom il-Mulej mal-wiċċ kollu tal-art.

**Il-Kelma tal-Mulej.**

℟. Irroddu ħajr lil Alla.

SALM RESPONSORJALI Salm 32 (33), 10-11.12-13.14-15

℟. (12): Hieni l-ġens li l-Mulej hu Alla tiegħu

Il-Mulej ixejjen il-fehmiet tal-ġnus,
ifixkel il-ħsibijiet tal-popli.
Imma l-fehma tal-Mulej tibqa' għal dejjem,
minn żmien għal żmien il-ħsibijiet ta' moħħu. ℟.

Hieni l-ġens li l-Mulej hu Alla tiegħu,
il-poplu li hu għażel b'wirt tiegħu.
Mill-għoli tas-smewwiet iħares il-Mulej,
u jara l-bnedmin kollha. ℟.

Mill-post fejn jgħammar
jistħarreġ fuq dawk kollha li jgħixu fuq l-art.
Hu jsawwar il-qalb ta' kull wieħed,
u jagħraf għemilhom kollu. ℟.

Ħin qasir ta' skiet.

Djaknu jaqra din Litanija qasira u jistieden lin-nies iwieġbu:

℟. Ejja Spirtu Qaddis u imla l-qlub tal-fidili tiegħek;
kebbes fihom in-nar ta' mħabbtek.

℣. Spirtu Qaddis, li bid-dell tiegħek tgħinna nagħrfu nilqgħu u nwettqu r-rieda ta' Alla għalina.

℟. Ejja Spirtu Qaddis u imla l-qlub tal-fidili tiegħek;
kebbes fihom in-nar ta' mħabbtek.

℣. Spirtu Qaddis, li timlielna qalbna bil-ferħ meta, bil-qawwa tiegħek nindunaw bil-preżenza ta' Ġesù fina u fostna.

℟. Ejja Spirtu Qaddis u imla l-qlub tal-fidili tiegħek;
kebbes fihom in-nar ta' mħabbtek.

℣. Spirtu Qaddis, li ddawwalna biex nagħrfu s-sinjali taż-żminijiet u naraw fihom il-ħidma tal-imħabba ta' Alla.

℟. Ejja Spirtu Qaddis u imla l-qlub tal-fidili tiegħek;
kebbes fihom in-nar ta' mħabbtek.

Kulħadd iqum bilwieqfa

Il-Qarrej imur quddiem l-urna, f'nofs l-artal, jieħu l-inċens bl-imgħarfa u jitfgħu fuq il-faħam jaqbad.

L-Arċisqof ineħħi l-mitra, iqum bilwieqfa u, b'idejh miftuħa, jgħid:

Nitolbu.

O Alla,
ġedded fina lkoll l-Ispirtu li frixt fuqna fil-Magħmudija tagħna,
biex inħobbu lilek l-ewwel u qabel kollox
u nagħrfuk bħal s-Sid u l-Mulej tagħna,
ħalli aħna, li mingħajrek m'aħna xejn
u, mingħajr l-Ispirtu tiegħek,
xejn tajjeb ma nistgħu nagħmlu,
nimtlew bil-hena fil-qadi tar-rieda qaddisa tiegħek.
Bi Kristu Sidna.

℟. Ammen.

L-Arċisqof joqgħod bilqiegħda u jilbes il-mitra.

Kulħadd bilqiegħda.

QARI III — Eż 3, 1-8a; 13-15

*Jien ħarist u rajt it-tbatija tal-poplu tiegħi u nżilt biex neħlishom*

**Qari mill-Ktieb tal-Eżodu**

Mosè kien jirgħa l-merħla ta’ ħatnu Ġetru, qassis ta’ Midjan,
u ħa l-merħla ’l hemm fid-deżert,
u wasal sa ħdejn Ħoreb, il-muntanja ta’ Alla.
Hawn deherlu l-anġlu tal-Mulej
f'ħuġġieġa nar qalb l-għollieq.
Mosè ħares
u ra l-għollieq jaqbad bin-nar bla ma jintemm.
Mosè qal:
“Ħa nersaq u nara din id-dehra tal-għaġeb
għala mhux jinħaraq l-għollieq.”
Il-Mulej rah riesaq biex jara,
u Alla sejjaħlu minn qalb l-għollieq u qallu:
“Mosè, Mosè!”
U Mosè wieġeb:
“Hawn jien!”
U l-Mulej qallu:
“La tersaqx lil hawn.
Neħħi l-qorq minn riġlejk,
għax il-post li inti fuqu hu art qaddisa.”
U ssokta jgħidlu:
“Jien hu Alla ta’ missirijietek:
Alla ta’ Abraham, Alla ta’ Iżakk u Alla ta’ Ġakobb.”
Mosè għatta wiċċu, għax beża’ jħares lejn Alla.

U l-Mulej qallu:
“Jien ħarist u rajt it-tbatija tal-poplu tiegħi fl-Eġittu.
U jien smajt il-karba tagħhom minħabba fl-argużini tagħhom
u għaraft l-uġigħ tagħhom.
Issa nżilt biex neħlishom minn idejn l-Eġizzjani
u biex intellagħhom minn dik l-art
u neħodhom f’art tajba u wiesgħa,
f’art tnixxi ħalib u għasel.”
Mosè reġa’ wieġeb:
“Ara, jiena mmur għand ulied Iżrael u ngħidilhom:
‘Alla ta’ missirijietkom bagħatni għandkom,’
u huma jistaqsuni, ‘X’jismu?’
Jiena xi ngħidilhom?”
Alla wieġbu: “JIEN LI JIEN.”
U kompla jgħidlu:
“Hekk għidilhom lil ulied Iżrael,
‘JIENA-HU bagħatni għandkom.’”
U Alla kompla jgħidlu:
“Hekk għandek tgħidilhom lil ulied Iżrael:
‘Jahweh, Alla ta’ missirijietkom,
Alla ta’ Abraham, Alla ta’ Iżakk, Alla ta’ Ġakobb,
bagħatni għandkom.’
Dan ikun ismi għal dejjem
u dan l-isem ifakkarkom fija minn nisel għal nisel.

**Il-Kelma tal-Mulej.**
℟. Irroddu ħajr lil Alla.

SALM RESPONSORJALI Salm 102 (103), 1-2.3-4.6-7.17-18

℟. (17): It-tjieba tal-Mulej ma’ dawk li għandhom il-biża’ tiegħu

Bierek, ruħ tiegħi, il-Mulej!
B’qalbi kollha nbierek l-isem qaddis tiegħu.
Bierek, ruħ tiegħi, il-Mulej,
u la tinsiex il-ġid kollu li għamel miegħek. ℟.

Hu li jaħfer dnubietek kollha;
ifejjaq il-mard tiegħek kollu;
jifdi lil ħajtek mill-qabar;
iħaddnek bit-tjieba u l-ħniena. ℟.

Il-Mulej jagħmel is-sewwa,
u l-ħaqq mal-maħqurin kollha.
Hu għarraf lil Mosè l-ħsieb tiegħu,
l-għemejjel tiegħu lil ulied Iżrael. ℟.

Imma t-tjieba tal-Mulej minn dejjem għal dejjem
ma’ dawk li għandhom il-biża’ tiegħu,
u s-sewwa tiegħu ma’ wlied uliedhom;
ma’ dawk li jħarsu l-patt tiegħu,
u jiftakru fil-preċetti tiegħu u jħarsuhom. ℟.

Ħin qasir ta’ skiet.

Djaknu jaqra din Litanija qasira u jistieden lin-nies iwieġbu:

℟. Ejja Spirtu Qaddis, għallimna nfittxu lil Alla
u nitolbuh fl-ispirtu u l-verità.

℣. Spirtu Qaddis, kun fuqna biex inkunu ġusti u twajba, nistennew il-ħin kollu l-faraġ tal-bnedmin kollha.

℟. Ejja Spirtu Qaddis, għallimna nfittxu lil Alla
u nitolbuh fl-ispirtu u l-verità.

℣. Spirtu Qaddis, inżel fuqna biex biex inkunu aħna wkoll ulied għeżież tal-Missier u l-għaxqa tiegħu.

℟. Ejja Spirtu Qaddis, għallimna nfittxu lil Alla
u nitolbuh fl-ispirtu u l-verità.

℣. Spirtu Qaddis, mexxina inti fid-deżert tal-ħajja tagħna biex ngħelbu kull tentazzjoni li nitbiegħdu minn Alla.

℟. Ejja Spirtu Qaddis, għallimna nfittxu lil Alla
u nitolbuh fl-ispirtu u l-verità.

Kulħadd iqum bilwieqfa

Il-Qarrej imur quddiem l-urna, f'nofs l-artal, jieħu l-inċens bl-imgħarfa u jitfgħu fuq il-faħam jaqbad.

L-Arċisqof ineħħi l-mitra, iqum bilwieqfa u, b'idejh miftuħa, jgħid:

Nitolbu.

O Alla,
rattbilna qalbna bl-Ispirtu Qaddis tiegħek,
biex infitxxu dejjem li ngħixu fis-sliem miegħek u bejnietna
u hekk ikollna s-sabar nistennew
sakemm naqilgħu mingħandek
li ngħixu fis-sliem li ma jintemmx
fis-Saltna tiegħek ta' dejjem
Bi Kristu Sidna.

℟. Ammen.

L-Arċisqof joqgħod bilqiegħda u jilbes il-mitra.

Kulħadd bilqiegħda.

QARI IV | Atti 1, 1-11

*Fi ftit jiem oħra titgħammdu bl-Ispirtu s-Santu.*

**Qari mill-Atti tal-Appostli**

Fl-ewwel rakkont tiegħi, Teofilu,
tkellimt fuq dak kollu li Ġesù kien għamel u għallem
minn mindu beda sal-jum li fih kien meħud fis-sema,
wara li, permezz tal-Ispirtu s-Santu,
ta l-ordnijiet tiegħu lill-appostli li hu kien għażel.
Wara l-passjoni tiegħu dehrilhom
u tahom ħafna provi li hu ħaj;
f'erbgħin jum rawh kemm-il darba
u kellimhom fuq il-ħwejjeġ tas-Saltna ta' Alla.
Meta kien għadu magħhom,
ordnalhom biex ma jitilqux minn Ġerusalemm,
imma joqogħdu jistennew sa ma sseħħ il-wegħda tal-Missier,
"li fuqha", qalilhom, "smajtu x'kont għedtilkom.
Jiġifieri, li Ġwanni għammed bl-ilma,
imma intom fi ftit jiem oħra titgħammdu bl-Ispirtu s-Santu."
Kif kienu flimkien staqsewh:
"Mulej, hu dan iż-żmien
li fih int se terġa' twaqqaf is-Saltna ta' Iżrael?"
Hu weġibhom:
"Mhijiex biċċa tagħkom li tkunu tafu l-waqt u ż-żmien
li l-Missier għażel bis-setgħa tiegħu.
Imma meta jiġi fuqkom l-Ispirtu s-Santu,
intom tirċievu l-qawwa,

u tkunu xhieda tiegħi f'Ġerusalemm, fil-Lhudija kollha
u s-Samarija u sa truf l-art."
Wara li qal dan, huma u jħarsu lejh,
kien meħud 'il fuq,
u sħaba ħadithulhom minn quddiem għajnejhom.
Waqt li kienu b'għajnejhom fis-sema jħarsu lejh sejjer,
f'daqqa waħda dehru ħdejhom żewġ irġiel libsin l-abjad,
u qalulhom:
"Irġiel tal-Galilija,
x'intom tħarsu lejn is-sema?
Dan Ġesù, li kien meħud minn magħkom lejn is-sema,
għad jerġa' jiġi kif rajtuh sejjer."

**Il-Kelma tal-Mulej.**

℟. Irroddu ħajr lil Alla.

SALM RESPONSORJALI Salm 103 (104), 1-2a.24.35ċ.27-28.29bċ-30

℟. (30): Ibgħat l-Ispirtu tiegħek, Mulej, u ġedded il-wiċċ tal-art

Bierek, ruħ tiegħi, il-Mulej!
Mulej, Alla tiegħi, int kbir bil-bosta!
Bis-sebħ u bil-ġmiel inti mlibbes,
bid-dawl, bħal b'mantell, inti mkebbeb. ℟.

Kemm huma kotrana l-għemejjel tiegħek, Mulej!
Kollha bl-għerf int għamilthom;
mimlija l-art bil-ħlejjaq tiegħek.
Bierek, ruħ tiegħi, il-Mulej! ℟.

Minnek jistennew il-ħlejjaq kollha
li tagħtihom ikilhom f'waqtu.
Inti tagħtihom, u huma jiġbru;
tiftaħ idejk, u jixbgħu bil-ġid. ℟.

Jekk teħdilhom nifishom, imutu,
u lejn it-trab jerġgħu jmorru.
Malli tibgħat in-nifs tiegħek, jinħolqu,
u inti ġġedded il-wiċċ tal-art. ℟.

Ħin qasir ta' skiet.

Djaknu jaqra din Litanija qasira u jistieden lin-nies iwieġbu:

℟. Ejja Spirtu Qaddis, imliena bil-qawwa tiegħek
biex nagħtu xhieda tal-imħabba ta' Alla b'ħajjitna.

℣. Spirtu Qaddis, li timlielna qlubna bil-ferħ meta nagħrfu li Alla wera lilna ċ-ċkejknin dak kollu li hu.

℟. Ejja Spirtu Qaddis, imliena bil-qawwa tiegħek
biex nagħtu xhieda tal-imħabba ta' Alla b'ħajjitna.

℣. Spirtu Qaddis, li ddawwal lill bnedmin biex jagħrfu lill-Iben ta' Alla u timlielhom qalbhom bil-ferħ għall-miġja tiegħu.

℟. Ejja Spirtu Qaddis, imliena bil-qawwa tiegħek
biex nagħtu xhieda tal-imħabba ta' Alla b'ħajjitna.

℣. Spirtu Qaddis, li kkonsagrajt lil Ġesù u u bgħattu jwassal l-Aħbar it-Tajba ta' ħelsien lill-bnedmin kollha.

℟. Ejja Spirtu Qaddis, imliena bil-qawwa tiegħek
biex nagħtu xhieda tal-imħabba ta' Alla b'ħajjitna.

Kulħadd iqum bilwieqfa

Il-Qarrej imur quddiem l-urna, f'nofs l-artal, jieħu l-inċens bl-imgħarfa u jitfgħu fuq il-faħam jaqbad.

L-Arċisqof ineħħi l-mitra, iqum bilwieqfa u, b'idejh miftuħa, jgħid:

Nitolbu.

O Alla,
bid-dija tal-Ispirtu tiegħek,
ħeġġeġ il-fidi tagħna fik
biex inħallu t-tjieba tiegħek timla qlubna
u tkun tidher fil-ħniena li nuru lejn xulxin,
ħalli nsiru nixbħu dejjem iktar
lil Ibnek Ġesù Kristu Sidna
li jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem.

℟. Ammen.

L-Arċisqof joqgħod bilqiegħda u jilbes il-mitra.

Kulħadd bilqiegħda.

*Imtlew ilkoll bl-Ispirtu s-Santu.*

**Qari mill-Ktieb tal-Atti tal-Appostli**

Meta wasal jum Għid il-Ħamsin,
huma kienu lkoll flimkien f'post wieħed.
F'daqqa waħda ġie mis-sema ħoss bħal ta' riħ qawwi,
u mela d-dar kollha fejn kienu qegħdin.
U dehrulhom ilsna qishom tan-nar,
li tqassmu u qagħdu fuq kull wieħed minnhom.
Imtlew ilkoll bl-Ispirtu s-Santu
u bdew jitkellmu b'ilsna oħra,
skont ma l-Ispirtu kien jagħtihom li jitkellmu.
F'Ġerusalemm kien hemm xi Lhud,
nies twajba minn kull nazzjon li hawn taħt is-sema.
Malli nstama' dan il-ħoss,
inġabret kotra kbira,
ilkoll imħawdin għax kull wieħed minnhom
kien jismagħhom jitkellmu bl-ilsien tiegħu.
Miblugħin u mistagħġbin, bdew jgħidu:
"Dawn li qegħdin jitkellmu mhumiex ilkoll mill-Galilija?
Mela kif kull wieħed minna
qiegħed jismagħhom jitkellmu bi lsien art twelidu?
Partin, Medin u Għelamin,
nies mill-Mesopotamja, mil-Lhudija, mill-Kappadoċja,
minn Pontu, mill-Asja, mill-Friġja,
mill-Pamfilja, mill-Eġittu,

mill-inħawi tal-Libja madwar Ċireni,
nies li ġew minn Ruma,
kemm Lhud u kemm prosèliti,
oħrajn minn Kreta u Għarab,
aħna lkoll qegħdin nisimgħuhom ixandru bl-ilsna tagħna
l-għeġubijiet ta’ Alla!”

**Il-Kelma tal-Mulej.**

℟. Irroddu ħajr lil Alla.

SALM RESPONSORJALI Salm 103 (104), 1ab.24aċ.29bċ-30.31.34

℟. Hallelujah, hallelujah, hallelujah

Bierek ruħ tiegħi, lill-Mulej!
Mulej, Alla tiegħi, inti kbir bil-bosta!
Kemm huma kotrana l-għemejjel tiegħek, Mulej!
Mimlija l-art bil-ħlejjaq tiegħek. ℟.

Jekk teħdilhom nifishom, imutu,
u lejn it-trab jerġgħu jmorru.
Malli tibgħat in-nifs tiegħek, jinħolqu,
u inti ġġedded il-wiċċ tal-art. ℟.

Jibqa' sebħ il-Mulej għal dejjem!
Jifraħ il-Mulej bl-għemejjel tiegħu!
Ħa togħġbu l-għanja tiegħi,
għax jiena fil-Mulej l-hena tiegħi. ℟.

Ħin qasir ta' skiet.

Djaknu jaqra din Litanija qasira u jistieden lin-nies iwieġbu:

℟. Spirtu Qaddis, imliena bil-Għerf u l-fehma tiegħek
biex kulħadd jifhem u jitkellem bl-ilsien tal-imħabba ta' Alla.

℣. Spirtu Qaddis, bil-qawwa tiegħek tagħtina li naslu biex inxandru l-ġustizzja u s-sliem lid-dinja kollha.

℟. Ejja Spirtu Qaddis, imliena bil-qawwa tiegħek
biex nagħtu xhieda tal-imħabba ta' Alla b'ħajjitna.

℣. Spirtu Qaddis, inti twassalna biex nirbħu kull qawwa tal-ħażen li x-xitan juża biex jifridna minn Alla.

℟. Ejja Spirtu Qaddis, imliena bil-qawwa tiegħek
biex nagħtu xhieda tal-imħabba ta' Alla b'ħajjitna.

℟. Spirtu Qaddis, li twellidna mill-ġdid fil-ħajja ta' Alla u tgħinna nnisslu aħna wkoll il-ħajja tiegħu f'ħutna l-bnedmin.

℟. Ejja Spirtu Qaddis, imliena bil-qawwa tiegħek
biex nagħtu xhieda tal-imħabba ta' Alla b'ħajjitna.

℣. Glorja lill-Missier u lill-Iben u lill-Ispirtu s-Santu;
kif kien mill-bidu issa u dejjem u jibqa' għal dejjem ta' dejjem.

℟. Spirtu Qaddis, imliena bil-Għerf u l-fehma tiegħek
biex kulħadd jifhem u jitkellem bl-ilsien tal-imħabba ta' Alla.

Il-Qarrej imur quddiem l-urna, f'nofs l-artal, jieħu l-inċens bl-imgħarfa u jitfgħu fuq il-faħam jaqbad.

L-Arċisqof ineħħi l-mitra, iqum bilwieqfa u, b'idejh miftuħa, jgħid:
Nitolbu.
O Alla,
Dewwaqna l-ħlewwa tiegħek
bl-Ispirtu s-Santu li ssawwab fuqna bis-Sagramenti tiegħek,
biex nuruwha ma' ħutna l-bnedmin
billi nitrażżnu fil-ħsibijiet, il-kliem u l-għemil kollu tagħna
u hekk id-dinja tagħraf
li Ibnek huwa magħna dejjem,
sal-aħħar taż-żmien.
Hu li miegħek jgħix u jsaltan
għal dejjem ta' dejjem.

℟. Ammen.

## SEKWENZA

| | |
|---|---|
| Spirtu s-Santu, ejja fina,<br>raġġ ta' dawl qaddis agħtina,<br>xerrdu f'ruħna mis-smewwiet. | *Veni, Sancte Spiritus,<br>et emitte caelitus<br>lucis tuae radium.* |
| O Missier il-foqra tiegħek,<br>inti ġġib id-doni miegħek,<br>tagħni b'dawlek qalb l-ulied. | *Veni, pater pauperum,<br>veni, dator munerum<br>veni, lumen cordium.* |
| Inti l-aqwa faraġ tagħna,<br>fik kull hena xħin tkun magħna,<br>tħossok fewġa ħelwa r-ruħ. | *Consolator optime,<br>dulcis hospes animae,<br>dulce refrigerium.* |
| Fl-għaja, lejn is-serħ twassalna;<br>jekk imħeġġa wisq, trażżanna;<br>mill-għajnejn tixxotta d-dmugħ. | *In labore requies,<br>in aestu temperies<br>in fletu solacium.* |
| O dawl hieni ta' qdusija,<br>nitolbuk li bik mimlija<br>tkun il-qalb ta' kull fidil. | *O lux beatissima,<br>reple cordis intima<br>tuorum fidelium.* |
| Mingħajr dawlek li jmexxina<br>ebda ħajr ma jkun hemm fina,<br>ebda safa fl-għemil. | *Sine tuo numine,<br>nihil est in homine,<br>nihil est innoxium.* |
| Naddaf kull fejn hemm it-tbajja',<br>fejn hemm nixfa reġġa' l-ħajja,<br>lill-miġruħ agħtih fejqan. | *Lava quod est sordidum,<br>riga quod est aridum,<br>sana quod est saucium.* |

Rattab fina l-ebusija,
agħti lill-berdin bżulija,
għin fit-triq lil min beżgħan.

*Flecte quod est rigidum,*
*fove quod est frigidum,*
*rege quod est devium.*

Agħti s-seba' doni tiegħek
lil min jimxi fidil miegħek
u li fik jistrieħ kull ħin.

*Da tuis fidelibus,*
*in te confidentibus,*
*sacrum septenarium.*

Agħti 'l kull virtù sabiħa
ħlas ta' salvazzjoni sħiħa,
agħti l-ġenna lit-tajbin.
Ammen. Hallelujah.

*Da virtutis meritum,*
*da salutis exitum,*
*da perenne gaudium,*
*Amen. Alleluia.*

L-Arċisqof, b'idejh miftuħa, jgħid:
Nitolbu.
O Alla, bil-misteru tal-festa tal-lum
inti tqaddes il-Knisja kollha tiegħek, f'kull ġens u poplu;
sawwab id-doni tal-Ispirtu s-Santu
fuq id-dinja kollha, minn tarf għall-ieħor,
u agħmel li issa wkoll iseħħ, fil-qalb ta' kull min jemmen,
dak kollu li seħħ bil-grazzja tiegħek
sa mill-bidu tax-xandir tal-Bxara t-Tajba.
B'Ibnek Ġesù Kristu Sidna, li hu Alla
u li miegħek jgħix u jsaltan
flimkien mal-Ispirtu s-Santu,
għal dejjem ta' dejjem.

℟. Ammen.

L-Arċisqof imur għarrkopptejh fuq il-ġinokkjatur u jinġieb is-Sagrament li jitqiegħd fuq l-altar waqt li titkanta l-*Pange lingua*.

| | |
|---|---|
| Agħti lsien l-ogħla foħrija | *Pange, lingua, gloriósi* |
| Għax jifdina b'ġismu ried | *Córporis mystérium,* |
| U għalina jxerred Demmu | *Sanguinísque pretiósi,* |
| Dak li jsaltan fis-smewwiet | *Quem in mundi prétium* |
| Demm imnissel ġewwa l-maqdes | *Fructus ventris generósi* |
| Ta' ġuf l-omm tal-ommijiet. | *Rex effúdit géntium.* |

Kulħadd għarrkopptejh.

Id-Djaknu, mingħajr ma jitlob il-barka, mill-ambone jxandar l-Evanġelju.

EVANĠELJU Ġw 20, 19-23

*Ħudu l-Ispirtu s-Santu.*

**Qari mill-Evanġelju skond San Ġwann**

Dak il-Ħadd fil-għaxija, fl-ewwel jum tal-ġimgħa,
meta d-dixxipli kienu flimkien imbeżżgħa mil-Lhud,
bil-bibien magħluqa,
ġie Ġesù u qagħad f'nofshom;
u qalilhom:
"Is-sliem għalikom!".

Kif qal hekk, uriehom idejh u ġenbu.
Id-dixxipli ferħu meta raw lill-Mulej.
Imbagħad Ġesù tenna jgħidilhom:
"Is-sliem għalikom!
Kif il-Missier bagħat lili, hekk jien nibgħat lilkom".
Kif qal hekk, nefaħ fuqhom u qalilhom:
"Ħudu l-Ispirtu s-Santu.
Dawk li taħfrulhom dnubiethom ikunu maħfura,
u dawk li żżommuhomlhom ikunu miżmuma".

**Il-Kelma tal-Mulej.**
℟. Tifħir lilek, Kristu.

Riflessjoni qasira mill-Arċisqof.

Ftit ħin ta' skiet.

Jitkanta t-*Tantum Ergo*.
Fil-ħin li s-soltu jiġi nċensat is-Santissmu, Djaknu jitfa l-inċens fl-urna fuq il-faħam jabqad.

| | |
|---|---|
| Dal-misteru, għarkopptejna, | *Tantum ergo sacraméntum* |
| Ejjew mela naduraw | *Venerémur cérnui:* |
| U quddiem ir-riti ġodda | *Et antíquum documéntum* |
| Suriet qodma jispiċċaw; | *Novo cedat rítui:* |
| Bit-twemmin ġo qalbna nħossu | *Præstet fides suppleméntum* |
| Dak li s-sensi le jaraw. | *Sénsuum deféctui.* |
| | |
| Lill-Missier inroddu, u 'l Iben | *Genitóri, Genitóque* |
| B'qalbna kollha kull tifħir, | *Laus et jubilátio,* |

| | |
|---|---|
| Lejhom mat-tberik ta' qalbna, | *Salus, honor, virtus quoque* |
| Imħabbitna 'l fuq ittir; | *Sit et benedíctio:* |
| Lill-Ispirtu li ġej minnhom | *Procedénti ab utróque* |
| Ħajr ukoll, xejn inqas kbir. | *Compar sit laudátio.* |
| Ammen. | *Amen.* |

Nitolbu
O Alla,
li f'dan is-Sagrament tal-għaġeb
ħallejtilna t-tifkira tal-Passjoni tiegħek:
agħtina, nitolbuk,
li nqimu l-misteru tal-Ġisem u d-Demm tiegħek
hekk li nħossu fina bla heda
dak li rebbħitilna l-fidwa tiegħek.
Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem

℟. Ammen.

L-Arċisqof jilqa' fuq spallejh il-velumeral u, wara li jagħmel ġenuflessjoni, bil-għajnuna tad-Djaknu jew iċ-Ċerimonier, jieħu f'idejh, mogħttija bil-velumeral, l-ostensorju bis-Santissmu u jbierek għal tliet darbiet lill-Ġemgħa.

Wara li s-Santissmu jitqiegħed fuq l-artal mill-ġdid, Monsinjur Arċisqof jagħmel ġenuflessjoni u jinżel għarrkopptejh, ineħħi l-velumeral u, flimkien mal-Ġemgħa, jgħid:

Ikun imbierek Alla.
Imbierek l-Isem Imqaddes tiegħu.
Imbierek Ġesù Kristu, veru Alla u veru bniedem.
Imbierek l-Isem ta' Ġesù.
Imbierek l-Qalb Imqaddsa tiegħu.
Imbierek id-Demm għażiż tiegħu.
Imbierek Ġesù fis-Santissimu Sagrament tal-artal.
Imbierek l-Ispirtu s-Santu Paraklitu.
Imbierek l-kbira Omm Alla Marija Santissima.
Imbierek l-Imqaddsa u Immakulata Kunċizzjoni tagħha.
Imbierek it-tlugħ glorjuż tagħha fis-sema.
Imbierek l-isem ta' Marija Verġni u Omm.
Imbierek San Ġużepp għarus kasstissimu tagħha.
Imbierek Alla fl-anġli u l-qaddisin kollha tiegħu.

Is-Sagrament jittieħed minn Djaknu mill-ġdid fil-Kappella waqt li jkun hemm mużika fl-isfond.

Kif joħroġ mill-presbiterju, kulħadd iqum bilwieqfa.
L-Arċisqof jilbes il-kallotta u l-mitra u jieħu l-baklu f'idu

Titkanta r-*Regina Cœli*.

*Regina caeli, laetare, alleluia;*
*Quia quem meruisti portare, alleluia,*
*Resurrexit, sicut dixit, alleluia:*
*Ora pro nobis Deum, alleluia.*

Kif tintemm ir-Regina Coeli, tifforma l-purċissjoni lejn is-Sagristiaj, l-ewwel jimxu l-qarrejja, imbagħad id-Djakni u fl-aħħar l-Arċisqof.